MTARFA

**IL-ĦAMES LEĠISTLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 5 – IL-ĦAMIS 24 Ta' SETTEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-8.00pm.

| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
|---|---|---|
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Antoine Vella | Kunsillier (Skuzat) |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-minuti tar-raba (4) laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija.
u approvati wara li saru korrezzjonijiet .
Il-minuti ġew ffirmati mis-Sindku.

**PUNTI LI JOĦORĠ MILL-MINUTI**

Skeda ta'pagamenti għax-xagħar ta'Awissu għandu jitnaqqas l-ammont ta'€ 5,610 li jirrapprezenta kont mill kuntratt tal-iskart ricklat, peress li dan ser jithallas mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali, dirett.

Ref : paragrafu 3:2 : Ghanda tinkiteb ittra lil avukat lil *housing* biex jirrimedja s-sitwazzjoni u tintbghat kopja lill- Dr. Schembri.

Skeda ta'pagamenti: ammont ieħor ġie imnaqqas ta' € 236 peress li kien doppju.

Dwar ix-xogħol ta'Alfred Schembri, il-kunsill ma kienx sodisfatt, għaliex l-ilma baqa iżomm madwar il-*calvert* u l-isprall. Pagament huwa sospiz.

## 2. KORRISPONDENZA

Il-Vici Sindku : Huwa qal sabiex meta jiħareg it-Tender ta'skart domestiku ser ikun hemm iżjed spejjes. Kompla jispjega bid-dettal dwar zieda fit-tariffi fil-gbir ta'skart. Jista jkun hemm zieda minn € 0.70 sa € 20.00 kull tunellata ta'skart. Id-dipartiment ser ihallas lura id-differenza bi 3 xhur il-quddiem. Il-kuntrattur irid igib ircevuta mill-mghatab tat-tumellagg ta'skart.

Dwar "*Bring in sites*" biex jintiżen mir-residenti hemm żewġ kumpaniji, li waħda minnhom hi "Green Skips"

Dwar il- "*Bulky Refuse*" il-prezz irid jibqa bil-50c kollox magħżul, (*Separate Waste Bulky*)

Dwar tal- ħwienet il-kartun ma jistgħax jintrema ġo l- *skip* u sid il-ħanut irid jirranġa mal-kuntrattur tiegħu biex jiġabar a spejjes tiegħu.

Is-Sindku qal li għanda ssir *bye-law* biex isiru multi dwar abbuz ta' użu mill-*skips*, u għal iżjed efficenża u kontroll tal-iskart. Mgħandu jintefa ebda bulky refuse ġol- *skips*.

Energy Saving Scheme :
Ser isiru ħames panels bil-fondi tal-EU, li l-Kunsill ser jinghata € 5,200 u l-Kunsill johrog € 2,000.

Għanda tiġi poġġuta *skip* minflok dik li tneħħiet biex tittiehed l-iskola.

## 3. Rapport Finanzjarju

L-Aġent Segretarju Eżekutiv preżenta rapport Finanzjarju u spjega li l-fondi fil-kont huma € 98,156. Dan ir-rapport huwa aness mal-minuti.

## 4. Twinning

Is-Sindku ħabbar li l- Kunsill ġie mgħoti li € 15,412 fondi mill- Unjoni Ewropea għall-ġemellaġġ mal-municipalita ta' Arvidsjaur. Ser jiġu Malta 50 delegat fix-xagħar ta' Novembru u s-somma ta' € 15,412 ser titqassam kif ġej. €6,232 ghall-akkomodazzjoni u € 9,184 għall-passaġġi tal-ajru.

Għandu issir sotto kumitat għall ġemellaġġ minn kunsillieri stess. Is-sindku talab sabiex issiru applikazzjoni għall *co-financing* tal-twinning ta' € 60 kull delegate.

Dwar il- proċess tal-ġemellaġġ, is-sindku qal li ser jikkonsulta mal-MEUSAC u jieħu parir dwar dan.

## 5. Tenders

*Soft Areas*: Il-Kunsill qabel li t-Tender tas-*soft areas* tingħata lill Charles u Joseph Gauci, il-kuntratt ġie iffirmat u il-*Performance Bond* ippreżentata lill-Kunsill.

Poloz ta'Assigurazzjoni: Sar "l-Adjudication Report" u l-Kunsill qabel li din it-tender tingħata lill "*Island Insurance Brokers*" peress li din kienet l'iżjed offerta vantaġġjuza. It-tender ġiet mogħtija lill "Island Insurance Brokers" bil-kundizzjoni li l-offerta ta' € 2,041 premium totali, tinkludi skont ta' 7%, u lit- tender tiġi valida għal sena, iżda trid tiġġedded kull sena sal-massimu ta'erba' snin.

Ġbir ta' skart Domestiku: Il-Kunsill qabel li meta d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali joħrog id-direttivi u kundizzjonijiet ġodda, il-Kunsill joħrog din it-tender.

## 6. Military Mtarfa (Ħatra ta' sotto kumitat)

It-tema tħalliet għad-diskussjoni għall-laqgħa li jmiss. Dan ġie ssugerit mill kunsilliera Helen Bugeja u peress li l-kunsillier Anton Vella kien skuzat, is-Sindku kien tal-fehema li għandu jkun kulħadd preżenti għal din id-diskussjoni. antoine

## 7. Aġġornamenti

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm risposta dwar it-talba tal-Kunsill biex il-kunsillieri jingħataw €10, spejjeż għat-telefonati. Għanda tintbgħat reminder lid-dipartiment.

Is-Sindku qal ukoll li każ ta'Paul Gatt, huwa kollu mgħaluq. Il-Kunsill qabel.

Kunsillier Anatole Scerri Diacono ressaq rapport dwar emissjoni ta' radjazzjoni minn radio antenna, fejn intqal li ma kien hemm ebda periklu. L-espert is-~~Sur Aquilina~~ ~~se jerġa jieħu~~ "*reading*", ~~tar-raġġi u jekk ikunu għolja dawn jitneħħew.~~

Viċi Sindku: Ser jiġu ordnati injam għall-9 bankijiet. Għandu jinħareġ permess biex jitnaddaf il-bosk. Ser jinxtraw 10 siġriet taż-żebbuġ. Il-Kunsill qabel.
Talba lill-*Flower Power* biex jagħti *sponsor* lil Kunsill ta' żewġ pompi għall-funtana, marbuta ma reklam tal-istess *Flower Power* fejn il-funtana.
Talba biex issir bankina wiesa ġo triq Sir Leslie Rundale.
Viċi Sindku ippreżenta kwotazzjoni għall-armar tal-milied. Dan ser issir bil ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.
Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono qal li fi Triq Sir Philip Pulicino għanda issir bankina għal "parkeġġ"
Is-sindku qal li fil bidu ta'triq Sir Philip Pullicino, għandhom jitħawlu zewġ siġar taż-żebbuġ, biex insebbħu l-ambjent, din kienet talba mir-residenti ta' l-inħawi.
Triq Palma fil-pjażża qed isir tisbieħ billi ssir center strip bil-pjanti. Dan ix-xogħol qed jgħamlu l-kuntrattur preżenti tas-soft areas bla ebda ħlas.
Intlaqgħet talba mil-ADT biex triq Palma u t-Toroq ta'madwara, isirilhom marki tat-toroq b'urġenża, speċjalment sleeping policeman fejn hemm meħtieġa.

## 8. Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fil- 11.00 pm

Anthony Mifsud
Sindku

Hector Cassola
A/Segretarju Eżekuttiv

12 ta' Ottubru 2009

## Tender : Żamma u manutenzjoni tas- Soft Areas

**(Soft areas jinkludu l-lokalita kollha inkluż il-masġar magħruf bħala il-bosk.)**

## Adjudication Report

George Cortis :

It-*Tenderer* qiegħed joffri 4 *part-timers* assenjati mal-kunsill sabiex jagħti servizz ta'manutenzzjoni tas-soft areas kollha fil-lokalita inkluz dik il-part magħrufa bħala il-"bosk". Huwa kien konxju ta' l-użu ta'bexx u qal li kellu ċertifikat sabiex jużа il-bexx u jiżbor is-siġar. Huwa qabel li għanda isirlu spezzjoni mill-kunsill fuq il-makkinarju li kien ser juża. Huwa qabel ukoll li jixtri pjanti u fjuri ta'l-istaġun u jħawwilhom fil-lokalita'. Dan kollu kien ser isir bil-prezz ta' € 21,900.00 fis-sena. Il-Kunsill ħass li 4 ħaddiema *part-timers* li kien qed joffri il-kuntrattur, ma kienux biżżejjed biex ilaħħqu max-xogħol, u għalhekk din l-offerta ma setgħatx tiġi milqugħa peress lil Kunsill ried ħaddiema fuq il-post kuljum, u *full-time*.

William Mifsud :

Il-Kuntrattur qed joffri 2 ħaddiema u qal li dawn setgħu jiżdiedu skond il-bżonn. Huwa kellu il-makkinarju kollu meħtieġ għal dan il-kuntratt, iżda ma kellux *bowser* għat-tisqija. Huwa qal li l-*bowser* setgħa jinkera minnu għall-spejjeż tiegħu jekk ikun hemm bżonn. Huwa kien konxju li dik il-parti tal-lokalita' magħrufa bħala l-"bosk", kienet tifforma parti mil-istess tender. Il-kuntrattur kellu iċ-ċertifikati meħtieġa sabiex jiżbor is-siġar u juża il-bexx, huwa kien se jissuplixxi fjuri u pjanti ta' l-istaġun. L-offerta kienet għal €45,435.00 fis-sena. Il-kunsill irifjuta din l-offerta peress li kienet fost l-għola li intefgħu għall-istess xogħol u kundizzjonijiet.

Joseph & Charles Gauci :

Kien hemm offerta għal 3 ħaddiema *fulltime* esperti f'dan il-qasam, għalhekk il-kuntrattur ipprovda lista tal-makkinarju kollu li kien komplut sabiex iwettaq dan ix-xogħol. Huwa ipprovda lista oħra ta'tlett ħaddiema li ser jaħdmu miegħu, liema ħaddiema ġew magħżula mil-ETC f'dan il-qasam. Il-kuntratturi qalu ser jixtru pjanti u fjuri ta'l-istaġun u jħawluhom fil-lokalita' biex ikun hemm tisbiħ. Waqt laqgħa li saret mal-istess kuntratturi, s-Sindku għamilha ċara li l-lok magħruf bħala il-"bosk" huwa parti mill-istess kuntratt, kif kien stipulati fid-dokumenti tat-*tender*s, iżda ma kienx immarkat fuq il-pjanta. Huma aċċettaw lil ser jieħdu ħsieb il-"bosk" għal dak li għandu x'jaqsam ma żbir ta'siġar u tindif. Huma ġew mgħarfa b'skema u kompetizzjoni ta'l-indafa, li giet imnedija

mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, u assiguraw lil Kunsill li ser iżommu il-lokalita nadifa kemm jista' jkun, sabiex jippruvaw jgħinu lil Kunsill f'din il-kompetizzjoni. Huma kellhom iċ-ċertifikati kollha meħtieġa għall-użu ta'bexx u tisbir ta'siġar. Dan il-kuntratt ser jiswa lil Kunsill €30,000.00 li skond l-istess Kunsill kienet offerta raġonevoli ħafna meta wieħed jikkonsidra, il-kwalita ta'xogħol li l-kuntrattur kien ser jagħti. Għalhekk il-kunsill qabel li dan il-kuntratt jingħata lil Joseph & Charlie Gauci b'effett immedjat.

ELC :

Din il-kumpanija ġiet rappreżentata min Dr. R Cushieri. Huwa offra żewgt alternattivi:

a) L-ewwel alternattiva tikkonsisti f'persuni (*Hit-gang*) li jitpoġġew fuq il-post skond il-ħtieġa tax-xogħol, u jistgħu jiġu miżjuda jekk ikun hemm iktar xogħol xi jsir, u dan għall-ammont ta' € 16,500.00 fis-sena, li jkopri biss xogħol ta' l-idejn; iżda eskluż kull materjal li jrid jinxtara mill-Kunsill. Dan ifisser li ħamrija, bexx, u spejjez oħra jridu jitħalsu mill-kunsill.

b) It-tieni alternattiva ser ikun hemm persuna waħda *full time* għall-lokalita, għal prezz ta' €19,000.00. Huwa semma' li spejjeż oħra għall-karigu tal-kunsill : dawn huma € 28.00 għall kull siġra tal-palma jekk hemm bżonn tingħata l-bexx, irrigazzjoni, u terf li jiswa €25.00 kull metru kwadru. Il-pjanti u fjuri ta' l-istaġun ikunu għal karigu tal-kuntrattur.

Il-kuntrattur kompla jispjega li l-kunsill għandu spiża enormi bil-bosk, li għalkemm kien inkluz fit-tender, skond stima li għamel hu, dan ser jiswa €25,000.00 fis-sena, biex jigi *upgraded*, u jinżam fi stat tajjeb.

Għalhekk il-kunsill ikkonkluda li din l-offerta ma kienitx vantaġġuza, minħabba il-fatt li riedu jiżdiedu ħafna spejjez oħra ta'materjal li ma kienx inkluż fil-prezz u b'hekk din l-offerta kienet tigi għolja hafna. Raġuni oħra hi li l-kunsill ma kienx sodisfatt bl-ingaġġar ta'persuna waħda fulltime kif imsemmi f' alternattiva (b). Il-kunsill ma kienx favur ħaddiema kif imsemmi f'alternattiva (a), peress li kien tal-fehma li jkollu numru ta'ħaddiema bejn, tlieta u erba' *fulltime*, għall-bżonnijiet kolla tal-lokalita.

Martin Bonavia :

Il--kuntrattur kien konxju li mas-soft areas kien inkluż il-"bosk", wara li din il-kundizzjoni ġiet spjegata mis-Sindku. Huwa offra għall-spejjez tiegħu, fjuri ta' l-istagun, pjanti, ħamrija, u extras oħrajn skond il-bżonn, dan kollu għall-prezz ta'€17,000.00 fis-sena. Huwa stqarr li ma kellu l-ebda ċertifikat biex jiżbor is-siġar jew juża il-bexx, ma kellux high ups u makkinarju adegwat. Huwa sostna li, kien waħdu u setgħa idaħħal partimer miegħu.

Il-kunsill ikkonkluda li bil-prezz li hu kwota ma setgħax realment ikun vijabbli għalih in-nifsu meta iżid l-ispejjez li kien hemm bżonn max-xogħol u aktar u aktar jekk idaħħal partime miegħu. Il-kunsill ħass li din l-offerta mhijiex vijabbli u ma ġietx aċċettata.

Kenneth Busuttil :

Il-kuntrattur kellu 2 persuni biex jaħdmu miegħu fuq bażi ta' ħamest ijiem fil-ġimgha. Għalkemm l-offerta kienet ta' €30,290.00 huwa kellu nuqqas ta makkinarju addatat bħal *high-ups* li hu qal ser jikri bis- €60 fis-siegħa. Il- Kunsill wasal fil-kunkluzjoni li bil-kiri ta' makkinarju hu kien dipendenti fuq ħaddiehor u x-xogħol ma setgħax ikun garantit. Din it-tender ma' ġietx aċċettata.

Saviour Mifsud :

Il-kuntrattur kellu 3 ħaddiema biex jiddisponi għal din il-lokalita u setgħa iżid skond il-bżonn. Huwa kellu il-makkinarju kollu meħtieg u qabel li jagħmel it-tindif u żbir ta'siġar fil-lok imsemmi bħala il-bosk, kellu iċ-ċertifikati meħtieġa biex juża l-bexx u jgħamel żbir ta'siġar. Il-kunsill iprefera jikkonsidra lil kompetituri oħra komparabbli miegħu, fejn intgħażel ħaddiehor li kellu kondizzjonijiet aħjar.

Hector Cassola
Aġent Segretarju Eżekuttiv

23/09/2009

# Financial Report

24/09/2009

| | |
|---|---|
| BOV Current a/c 146 1132 7016 | € 91,801.00 |
| BOV Savings a/c 400 1032 1069 | € 27,682.00 |
| BOV Current a/c 400 1411 2300 | € 1,543.00 |
| **Total** | **€121,026.00** |
| Less August 2009 Payment Schedule | € 22,870.00 |
| Cash at Bank as at 24/09/2009 | **€ 98,156.00** |

Hector Cassola
Acting Executive Secretary
24/09/2009

| Tenderer Name and Address | Benefits | Type | Values | Details | Total Offer € | Comparative Adjudication |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Allcare Insurance<br><br>Mr.Patrick Zammit<br>Tel: 21330011<br>23479500<br><br>info@allcarebrokers.com<br><br>Attn. Carl | € 50,000.00<br>€ 50,000.00<br>€ 50,000.00<br>100%basic salary/104w<br>€ 1,165.00 each/year<br>€ 2,350.00 each accident | Death<br>Disability<br>P/disability<br>T/disability<br>medical expenses<br>employers liability | € 100,000.00<br>€ 10,000.00<br>€ 34,800.00<br>€ 3,000.00<br>€ 64,323.20<br>€ 12,000.00<br>€ 33,775.00 | Office Building<br>Fixtures & Fittings<br>Internal<br>Electronics<br>External Property<br>Public Convenience<br>Employers liability | € 2,077.44 | Total Sum insured € 216,297.00<br>Excess Roads € 1,000.00<br>Excess Electronics € 115.00<br>Personal Accident /Death € 50,000.00<br>Disability € 50,000.00<br>Money Excess € 55.00<br>Fire &Theft Excess € 115.00 & € 350.00 floods<br>Premises rick excess €175.00<br>ELI (7 days excess ) |
| Island Insurance Brokers Ltd<br><br>Caroline/ Josianne<br><br>c.guaci@islandins.com<br><br>Tel:23855502/3 | € 50,000.00<br>€ 50,000.00<br>€ 50,000.00<br>100%basic salary/104w<br>€ 1,165.00 each/year<br>€ 2,350.00 each accident | Death<br>Disability<br>P/disability<br>T/disability<br>medical expenses<br>personal effects | € 100,000.00<br>€ 10,000.00<br>€ 43,800.00<br>€ 3,000.00<br>€ 64,323.20<br>€ 12,000.00 | Office Building<br>Fittings<br>Internal<br>Electronics<br>External<br>Public Convenience | € 2,041<br>a € 1,119.00<br>b € 1,306.00<br><br>Citadel<br>Lloyds | Total Sum insured € 216,297.00<br>Excess Roads € 2,330.00 (Citadel)<br>Excess Roads € 1,000.00 (Lloyds)<br>Excess Electronics € 115.00 (Citadel)<br>Excess Electronics € 235.00 (Lloyds)<br>Personal Accident /Death 7days excess<br>Money Excess € 55.00(Lloyds)<br>Accident Fire &Theft Excess € 115.00(Citadel)<br>Accident Fire &Theft Excess € 230.00(Lloyds) |
| MIB Insurance Brokers<br><br>53 Mediterranean Building<br>Abate Rigord Street<br>Ta' Xbiex<br><br>fiona_borg@mib.com.mt<br>Tel: 23433234 | € 50,000.00<br>nil<br>€ 50,000.00<br>100% wage/104w<br>€ 1,155.00 eash person | Death<br>Disability<br>P/disability<br>T/disability<br>medical expenses | € 100,000.00<br>€ 15,000.00<br>€ 43,800.00<br>€ 3,000.00<br>€ 64,323.20<br>€ 12,000.00 | Office Building<br>Fittings<br>Internal<br>Electronics<br>External<br>Public Convenience | € 2,208.00 | Excess each loss internal -€115.00<br>Excess each loss external-€235.00<br>Excess each loss LC premises-€150.00<br>Excess each loss Locality-€1,165.00<br>Excess each loss roads/pav-€2,330.00<br>Excess 7 days disability<br>Excess Computer- €115 |
| Galea Insurance Brokers<br>John Galea<br>22-24 Capuccini Str.<br>Floriana<br><br>john.galea@galeabrokers.com<br>€1,000.00 offer on management staff training as discount<br><br>Tel: 99430006 | € 46,587.00<br>€ 46,587.00<br>80% wage/104w<br>€ 1,164.00 every loss | Death<br>Disability<br>P/disability<br>T/disability | € 122,000.00<br>€ 10,000.00<br>€ 43,000.00<br>€ 3,000.00<br>€ 64,323.00 | Office Building<br>Fixtures/Fittings<br>Internal<br>Office equipment/Electronics<br>External Property | a € 2,338.00<br>b € 1,808.00 | Cittadel underwriters<br>Lloyds underwriters<br>Excess Property -€ 582.00every loss<br>Excess Contents -€ 582.00every loss<br>Excess Contents -€ 582.00every loss<br>Excess each loss roads/pav-€ 2,329.00<br>Personal group excess 7days<br>Excess electronic € 58.22 |